**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 7 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 800/2012 AF**

**Credorax (Malta) Limited (C-46342) u fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2018, il-Qorti ordnat li l-isem tar-rikorrenti, jinbidel u jsir "Credorax Bank Limited"**

**vs**

**IP Limited (C-30134)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Credorax (Malta) Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Credorax (Malta) Limited, "**Credorax**", hija istituzzjoni finanzjarja liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex taġixxi bħala *payment institution.* Kopja ta' din il-liċenzja qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument "**C1**".

Credorax tispeċjalizza fi proċessar ta' transazzjonijiet li jsiru permezz ta '*payment cards'* u cioè topera bħala dak illi huwa komunement magħruf bħala '*Acquiring Processor for card not present transactions for online merchants*.'

Dan ifisser illi s-soċjetà esponenti tipproċessa dawn it-transazzjonijiet billi taġixxi bħala intermedjarju bejn (a) il-konsumatur (komunement magħruf bħala l-*card holder*) li jixtri oġġett jew servizz minn fuq sit ta' l-internet u li jħallas permezz ta' *payment card,* (b) dak li komunement huwa msejjaħ l-*Online Merchant* li huwa l-venditur (permezz tas-sit elettroniku tiegħu tas-servizz jew l-oġġett) u (c) kif ukoll bejn dawk illi huma komunement imsejha bhala '*Card Schemes'* bhal per ezempju Visa Europe *("VISA")* u MasterCard Worldwide *("Mastercard").* Il-klijent dirett tas-soċjetà esponenti huwa dak imsemmi fil-(b) u cioè l-*Online Merchant.*

Naturalment, is-soċjetà esponenti għandha wkoll relazzjoni ma l-istituzzjonijiet finanzjarji esteri bħal ma huma Mastercard u VISA .

Ir-rwol ta' Credorax huwa essenzjalment li tassisti lil *Merchant* sabiex dan ikun jista' jirċievi ħlas permezz ta' pagamenti li jsiru bil-fuq imsemmija *payment cards* tal-Mastercard jew tal-VISA. Credorax fil-fatt għandha arranġamenti separati ma dawn l-istituzzjonijiet esteri. Fil-qosor dak li jiġri huwa illi hekk kif appena l-*Online Merchant* jipprovdi lil Credorax evidenza ta' transazzjoni, Credorax tikkredita l-kont tal-*Online Merchant* b'dak l-ammont. Credorax sussegwentement tirkupra l-ħlas mingħand il-Mastercard jew il-VISA skond il-każ.

Credorax tobbliga wkoll lill-*Online Merchant* li dan ikollu ammont depożitat f'kont ma' bank approvat minn Credorax sabiex dan l-ammont jew jiġi kreditat bl-ammont tat-transazzjoni jew f'ċerti ċirkostanzi, bħal per eżempju fil-każ ta' *charge backs*, jistgħu anke jittieħdu flejjes minn dan il-kont. F'ċerti każi, Credorax tistipula ukoll kontrattwalement id-dritt illi żżomm flejjes (komunement magħrufa bħala *rolling reserve*) ta' l-*Online Merchant* f'kontijiet taghha (Clients' Accounts) sabiex tkun tista thallas lil Mastercard jew lil VISA f'certi cirkustanzi, bhal per ezempju fil-kaz ta' frodi jew meta l-

akkwirent tas-servizz jew l-oġġett (il-*Cardholder*), jagħmel dik li komunement hi magħrufa bħala *chargeback* u jħassar it-transazzjoni li jkun daħal fiha.

*In oltre,* is-soċjetà esponenti tistipula anke kontrattwalment mal-klijenti tagħha, ossia l-*Online Merchants*, id-dritt ta' tpaċija bejn ammonti li jkunu dovuti lilha u ammonti li hija għandha fil-kontijiet in kwistjoni.

Fil-każ partikolari tas-soċjetà konvenuta, jirriżulta li din daħlet f'arranġament mas-soċjetà esponenti fit-30 ta' April 2011 sabiex is-soċjetà esponenti tipprovdilha s-servizzi tagħha kif fuq spjegat. Kopja ta' dan il-ftehim qed jiġi anness ma dan ir-rikors u mmarkat Dokument "**C2**".

Kien ġie speċifikatament indikat mis-soċjetà konvenuta, *qua Online Merchant*, illi din kienet ser topera fis-servizzi ta' *mobile top-ups* bin-numru ta' riferenza MCC 4814*.* Dan skond ma jirriżulta mill-ewwel skeda tal-ftehim anness C2.

Permezz ta' ittra ta-27 ta' Lulju 2011, kopja ta' liema qed tiġi annessa ma dan ir-rikors bħala "**C3A**", is-soċjetà esponenti ġiet infurmata minn Mastercard li fil-fatt is-soċjetà konvenuta kienet qed topera f'negozju illegali. Dan in-negozju kien f'qasam tal-mediċina (*pharmaceuticals*), attività li tmur bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi bejn is-soċjeta esponenti u s-soċjeta konvenuta u mmarkat C2 fejn f'dan il-ftehim kienet ġiet speċifikatament awtorizzata attività waħda mill-*Online Merchant* – u cioè dik konsistenti f'*mobile top ups* kif fuq ingħad. Din l-attività tmur ukoll kontra d-disposizzjonijiet tal-ftehim bejn is-soċjetà esponenti u l-Mastercard għaliex tali attività hija projbita mir-regoli tal-Mastercard. Is-soċjetà konvenuta irrispondiet għal din l-ittra u l-korrispondenza kollha sussegwenti qed tiġi annessa u mmarkata Dokumenti minn "**C3B**" sa "**C3D**".

Skond il-ftehim fuq imsemmi, is-soċjetà konvenuta kienet intrabtet li tosserva kwalunkwe regolament tal-Mastercard. Fost dawn ir-regolamenti u partikolarment f'Regola 3.10.04 u Regola 5.11.7, jirriżulta biċ-ċar illi transazzjonijiet li jinvolvu l-mediċinali huma projbiti li jsiru.

Għalhekk is-soċjetà konvenuta kisret il-ftehim li kellha mas-soċjetà esponenti b'konsegwenza ta' liema ksur is-soċjetà esponenti sofriet danni konsistenti fil-penali li kellha tħallas lil Mastercard ta' dan il-ksur. Il-penali mposti kienu fl-ammont ta' €98,178.28, liema ammont tħallas lil Mastercard.

Minn dan l-ammont, is-soċjetà esponenti għamlet tpaċija ma flejjes tas-soċjetà konvenuta li kellha f'idejha bħala *rolling reserve* fl-ammont ta' €53,059.12. Dan skond kif awtorizzata li tagħmel skond il-ftehim fuq imsemmi.

Għaldaqstant jonqos li jitħallsu d-danni fl-ammont ta' €45,119.16, liema ammont jirrappreżenta l-bilanċ tal-penali li s-soċjetà esponenti ħallset lil Mastercard u liema penali kellhom jitħallsu unikament b'riżultat tal-ksur da parti tas-soċjetà konvenuta tal-ftehim fuq imsemmi.

Is-soċjetà esponenti bagħtet ittra uffiċjali bin-numru 1669/2012 sabiex titlob dan il-ħlas, però s-soċjetà konvenuta rrispondiet li l-ammont impaċi għandu jiġi ritornat. Kopja ta' l-ittra uffiċjali tas-soċjetà esponenti qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument "**C4**".

Il-ħlas ta' danni baqa' ma sarx u għaldaqstant is-soċjetà esponenti ma kienx għad baqalha għażla oħra ħlief li tibda dawn il-proċeduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

a. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta aġixxiet bi ksur tal-ftehim tat-30 ta' April 2011;

b. Tiddikjara li b'konsegwenza ta' dan il-ksur is-soċjetà esponenti sofriet danni;

c. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' €98,178.28, rappreżentanti l-ammont ta' penali li s-soċjetà esponenti ħallset lil Mastercard;

d. Tikkonferma li t-tpaċija ta' €53,059.12 li għamlet is-soċjetà esponenti kienet awtorizzata u legali u;

e. Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont ta' €45,119.16 rappreżentanti l-bilanċ ta' danni mġarrab mis-soċjetà esponenti kif fuq ingħad.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta IP Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan billi l-fatti u l-pretensjonijiet li ghamlet referenza ghalihom ir-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif ser jiġi ippruvat tul is-smiegħ ta' din il-kawża u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Fix-xahar ta' Marzu u nhar it-30 ta' April tas-sena 2011 sar ftehim verbali u formali bejn Credorax (Malta) Limited u IP Limited b'tali mod li Credorax (Malta) Limited isservi bhala mezz sabiex issiru transazzjonijiet ta' flus tas-servizzi li toffri IP Limited lill-klijenti taghha.

A bazi ta' dan il-ftehim bejn il-partijiet Credorax (Malta) Limited kellha tithallas ghas-servizzi taghha direttament mill-flus illi hi tircievi minn ghand il-klijenti ta' IP Limited. Illi wara li zzomm is-sehem taghha minn dawn it-transazzjonijiet, kellha l-obbligu illi tghaddi s-sehem rimanenti lill IP Limited.

Mill-bidu nett tan-negozjati u anke meta gie konkluz il-ftehim bejn Credorax (Malta) Limited u s-socjetà konvenuta, is-socjetà rikorrenti dejjem informat u kienet konsapevoli tas-servizzi kollha li IP Limited kienet qeda toffri lill-klijenti u li kien jinteressa tkompli toffri lis-soċjetà konvenuta. Illi assolutament mhuwiex minnu kif ir-rikorrent tallega fir-rikors guramentat taghha illi s-socjetà konvenuta b'xi mod qarrqet jew marret oltre jew kontra dak li kien miftiehem bejn il-partijiet bl-uzu tal-*payment gateway* ta' Credorax (Malta) Limited.

Is-socjetà konvenuta dejjem onorat dak kollu li kien gie miftiehem bejn il-partijiet. Illi meta Credorax (Malta) Limited giet mitluba thallas xi penali minn MasterCard Worldwide dan kien unikament responsabbiltà taghha u bl-ebda mod imputabbli lill IP Limited. Illi dan jidher ukoll bic-car mis-semplici analizi tar-ragunijiet a bazi taghhom MasterCard Worldwide imponiet il-penali fuq Credorax (Malta) Limited.

Qabel ix-xahar ta' Marzu 2011 il-partijiet wasslu ghal ftehim verbali bejn Credorax (Malta) Limited u IP Limited b'tali mod illi Credorax (Malta) Limited kellha toffri is-servizzi taghha ta' *payment gateway* u dan sabiex IP Limited tkun tista' tircievi hlasijiet mil-klijenti taghha b'mod elettroniku u dan tramite is-sistemi ta' Credorax (Malta) Limited. Illi Credorax (Malta) Limited kellha tircievi hlassijiet ta' klijenti ta' IP Limited li jixtru prodotti u servizzi minn IP Limited b'mod elettroniku online b'uzu ta' credit cards.

Kif jirrizulta fir-rikors guramentat is-socjetà rikorrenti qeda tappropja ruhha minn somma flus fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf ewro, disa u hamsin u tnax il-centezmu, €53,059.12 rapprezentanti hlasijiet dovuti lis-socjetà intimata minn transazzjonijiet imwettqa mil-klijenti taghha tramite il-*payment gateway* tas-socjetà rikorrenti u dan sabiex skont ir-rikorrenti tali somma tigi pacuta ma parti mid-danni allegatament sofferti minnha. Dan l-agir huwa wiehed abussiv u illegali peress illi dawn l-ammonti huma dovuti mis-socjetà konvenuta u dan ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet surreferit. Is-socjetà intimata già intimat is-socjetà rikorrenti sabiex din ta' l-ahhar tghaddi dawn il-flus lis-socjetà intimata permezz ta' ittra ufficjali datata s-27 ta' Gunju 2012. Nonostante dan is-socjetà rikorrenti baqghat inadempjenti u ghaldaqstant is-socjetà intimata ma kelliex triq ohra fic-cirkostanzi illi tipprocedi kontra Credorax (Malta) Limited permezz ta' kontro-talba il qed ssir kontestwalment ma din ir-risposta guramentata.

Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mis-soċjetà konvenuta skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.

Rat il-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta IP Limited li taqra hekk illi:

Permezz ta' skrittura datata it-30 ta' Gunju 2011 gie miftiehem li IP Limited tuza s-servizzi ta' Credorax (Malta) Limited b'tali mod li Credorax (Malta) Limited isservi bhala mezz sabiex issiru transazzjonijiet ta' flus.

Credorax (Malta) Limited kellha tircievi hlasijiet ta' klijenti ta' IP Limited li jixtru prodotti u servizzi minn IP Limited b'mod elettroniku online b'uzu ta' credit cards.

Wara li Credorax (Malta) Limited tiehu s-sehem u l-hlas taghha minn dawn it-transazzjonijiet, hija kellha ai termini tal-istess ftehim, tghaddi r-rimanenti bilanċ appartjenenti lil IP Limited lill-istess IP Limited, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Jidher illi fid-19 ta' Ottubru 2011, is-socjetà Credorax (Malta) Limited (C 46342) ġiet miżmuma responsabbli għal ksur ta' xi ftehim illi l-istess Credorax (Malta) Limited kellha ma MasterCard Wordwide u konsegwentment, giet allegatament mitluba thallas multa ta' €98,178.28 (vide f'dawn ir-rigward id-Dokument imarkat bhala Dok C3D anness mar-rikors guramentat promtur).

L-istess socjetà rikonvenzjonata permezz ta' ittra ufficjali informat lil IP Limited li qeghda zzomm lill-kumpanija rikonvenzjonanti responsabbli ghal dawn id-danni u arbitrarjament u minghajr ebda jedd legali llikwidat dawn id-danni fl-ammont ta' l-istess penali u f'dan ir-rigward hija appropjat ruhha minghajr ebda jedd legali tal-ammont ta' tlieta u hamsin elf u disgħa u ħamsin Euro, u tnax-il centezmu (**€53,059.12)** appartjenenti lill-kumpanija rikonvenzjonanti bl-iskuża ta' xi allegata tpaċija ta' ammont illi arbitrarjament tikkontendi illi għandu jiġi mħallas lilha minn IP Limited kif fuq premess, u dan kif jidher fl-ittra ufficjali mibghuta mis-socjetà rikonvenzjonata nhar id-29 ta' Mejju 2012 (vide Dokument IP1).

Il-kumpanija rikonvenzjonanti mhix responsabbli biex taghmel tajjeb ghad-danni li gew immultati Credorax (Malta) Limited minn MasterCard Worldwide u dejjem zammu ferm ma' l-obbligi kollha tal-ftehim.

Is-socjetà Credorax giet mitluba permezz ta' ittra ufficjali mibghuta nhar is-27 ta' Gunju 2012 sabiex b'mod immedjat ihallsu lura s-somma ta' tlieta u hamsin elf u disgħa u ħamsin Euro, u tnax-il centezmu (**€53,059.12)**, liema somma giet appropjata a favur taghhom minghajr ebda jedd fil-ligi (vide Dokument IP2).

Sal-lum dan l-ammont ghadu ma giex mhallas lura lill-kumpanija rikonvenzjonanti u dan l-agir huwa abbusiv u illegali.

Ghalhekk l-esponenti kellhom jintavolaw din il-kontro-talba.

Ghaldaqstant l-intimati rikonvenzjonanti qeghdin, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w oppoturna, illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont ta' tlieta u hamsin elf u disgħa u ħamsin Euro, u tnax-il centezmu (**€53,059.12),** li illum jinsab fil-pussess ta' Credorax (Malta) Ltd, jappartjeni lill-kumpanija rikonvenzjonanti ai termini tal-kuntratt tat-30 ta' April 2011;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont ta' tlieta u hamsin elf u disgħa u ħamsin Euro, u tnax-il centezmu (**€53,059.12)** appartjenenti lill-kumpannija tikonvenzjonanti gie appropjat mis-socjeta rikonvenzjonata minghajr ebda jedd legali;

3. Tikkundanna lis-socjetà rikonvenzjonata Credorax (Malta) Limited thallas lill-istess kumpanija rikonvenzjonanti l-ammont ta' tlieta u hamsin elf u disgħa u ħamsin Euro, u tnax-il centezmu (**€53,059.12)**.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjetà rikonvenzjonata li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni mid-data li minnhom gew dovuti l-ammonti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà attriċi Credorax (Malta) Limited għat-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

<u>Id-Difiża</u>

1. It-tpaċija ta' €53,059.12 saret mis-soċjetà rikonvenzjonata b'riżultat ta' ksur ta' l-obbligi ta' IP Limited u kif inhi awtorizzata tagħmel skond l-istess ftehim ma IP Limited li kopja tiegħu ġiet annessa u mmarkata bħala dokument "**C2**" mar-rikors ġuramentat.

2. In oltre, it-tpaċija bejn tnejn min-nies li huma debituri lejn xulxin, issir *ipso iure*, anke mingħajr ma jafu d-debituri u dan skond l-artikolu 1196 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Għaldaqstant, il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż ta' l-istess kontra s-soċjeta rikonvenzjonanta.

<u>Il-Fatti</u>

1. B'riferenza għall-ewwel paragrafu tal-kontro-talba jingħad li qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet li jġib id-data tat-30 ta' Ġunju 2011.

2. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet paragrafu tal-kontro-talba, is-soċjetà rikonvenzjonata, a skans ta' ripetizzjoni tirreferi għad-deskrizzjoni tar-relazzjoni tagħha ma IP Limited kif deskritta fir-rikors ġuramentat.

3. Fir-rigward tar-raba' paragrafu tal-kontro-talba, is-soċjetà rikonvenzjonata wkoll tirreferi għar-rikors ġuramentat

tagħha fejn spjegat fid-dettal ir-raġuni wara l-imposizzjoni da parti tal-MasterCard Worldwide tal-penali.

4. Fir-rigward tal-ħames paragrafu jingħad li l-jedd legali għat-tpaċija jirriżulta kemm *ex lege* u kif ukoll kuntrattwalment.

5. Il-fatti fis-sitt, fis-seba' u fit-tmien paragrafu huma miċħuda stante li IP Limited aġixxiet bi ksur tal-ftehim u dan mingħajr ebda kosapevolezza jew awtorizazzjoni da parti tas-soċjeta rikonvenzjonata.

6. Għaldaqstant, il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż ta' l-istess kontra s-soċjetà rikonvenzjonanta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' €45,119.16 in linea ta' danni kuntrattwali. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta qegħda titlob lill-Qorti ssib illi l-attriċi ma kellha l-ebda dritt li żżomm għandha s-somma ta' €53,059.12 u tordna lill-istess attriċi tirrilaxxa din is-somma favuriha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Credorax') hija istituzzjoni finanzjarja liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala '*payment institution.*' Fost servizzi oħra li tippresta l-attriċi, hija taġixxi bħala '*aquiring processor for card not present transactions for online merchants.*'

Is-soċjetà konvenuta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'IP Limited') daħlet f'*merchant agreement* ma' Credorax sabiex din

tal-aħħar tipprovdi s-servizzi tagħha u tipproċessa l-ħlasijiet li l-klijenti ta' IP Limited ikunu għamlu *online* permezz tal-*credit cards* tagħhom.

Fit-8 ta' Marzu 2011, IP Limited issottomiet applikazzjoni magħrufa bħala *merchant application form* ma' Credorax fejn iddikjarat illi n-natura tan-negozju tagħha kien ta' *electronic pins*. Fit-30 ta' April tal-istess sena, il-partijiet iffirmaw il-*merchant agreement*. L-ewwel skeda annessa mal-kuntratt u ċioè fil-*merchant detail form* hemm dikjarat illi n-natura tan-negozju ta' IP Limited huwa ta' *mobile top-ups*. F'din l-istess skeda IP Limited ġiet assenjata l-*merchant category code* bin-numru 4814 li hu assenjat lis-servizzi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni.

Ir-raba skeda telenka l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt bejn il-partijiet. Dan jistipula li:

> "*The merchant may only accept Card payments for goods and services it offers in its normal line of business.*"[1]

Ġie stipulat ukoll li l-venditur ossia *online merchant* huwa projbit milli:

> "*3. Accepting a Card for goods and/or services which fall outside the nature of the business indicated in Schedure 1 and/or, in the case of a corporate Merchant, which fall outside its objects as specified in its Memorandum and Articles, statute or similar constitutional document.*
>
> *...*
>
> *8. Accepting a Card for amounts which do not represent a bona fide sale of goods or services at the Merchant's outlet.*
>
> *...*
>
> *15. Acceptng the Card or submitting transactions for settlement on behalf of another Merchant or third party.*"[2]

---

[1] III. Procedures

Fl-istess skeda ġie stipulat ukoll li:

> "*C. The Merchant is liable for and shall indemnify, and hold harmless CredoRax, its subsidiaries and any International Payment System from any losses, costs, claims, actions, proceedings and demands (including reasonable legal costs, any penalties or fines imposed by International Payment Systems on CredoRax (...) which is attributable to the Merchant's breach of the Agreement (...)*"[3]

John Pollacco, li fiż-żmien li ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-partijiet kien jokkupa l-kariga ta' *Head of Risk* u *General Manager*, jispjega li Credorax ħadet ħsieb tagħmel *due diligence* fuq IP Limited u għamlet l-indaġini tagħha dwar in-natura tan-negozju tagħha. IP Limited kellha relazzjoni tajba ma' John Pollacco li qabel kien jaħdem ma' Bank of Valletta bħala *Head of Card Business* meta IP Limited kienet tagħmel użu mis-servizzi ta' *card aquiring* tal-imsemmi bank.

L-Avukat Dottor Frederick Ellul għal Credorax jispjega illi meta klijent idaħħal id-dettalji tal-*credit card* tiegħu sabiex jagħmel *online transaction*, dawn id-dettalji jiġu trasmessi lill-*acquiring bank* jew istituzzjoni finanzjarja bħal ma hija Credorax. Din l-istituzzjoni, li jkollha ftehim mal-*principal card schemes* bħala Visa Europe u Mastercard Worldwide, tgħaddi dawn id-dettalji lil *card scheme* rilevanti, li da parti tagħha tgħaddihom lill-bank li jkun ħareġ il-*card*. Jekk ikun hemm biżżejjed flus fil-kont, it-transazzjoni tiġi approvata. Meta l-approvazzjoni tasal għand il-*card scheme* relevanti, din tgħaddihom lill-istituzzjoni finanzjarja li tkun qegħda taġixxi bħala *acquiring processor*, f'dan il-każ Credorax, li da parti tagħha tgħaddi l-flus lill-*online merchant*, f'dan il-każ IP Limited, li jkun qiegħed ibiegħ il-prodotti jew jipprovdi s-servizzi tiegħu *online*. Fi ftit kliem, l-irwol ta' Credorax huwa ta' intermedjaru bejn l-*online merchant* u l-*card schemes* sabiex tassisti lill-*online merchant* jitħallas.

Fl-20 u 22 ta' Ġunju 2011, Credorax irċeviet żewġ *chargebacks* għal żewġ pagamenti magħmula lil IP Limited bid-deskrizzjoni

---

[2] X. Prohibitions

[3] XI. Merchant Liability

‘*product not received*’. Il-*Fraud Manager* ta’ Credorax dak il-ħin irrimarka lis-superjuri tiegħu li din id-deskrizzjoni kienet stramba peress li n-negozju ta’ IP Limited, sa fejn kienet taf Credorax, kien ta’ *mobile top-ups* u allura kwalunkwe *chargeback* kellha tkun għal ‘*services not rendered*’ u mhux ‘*product not received.*’ Credorax immedjatament għamlet kuntatt ma’ IP Limited u skont John Pollacco, Henrik Piski, direttur ta’ IP Limited, kien assigurah li dan kien żball għaliex IP Limited kienet toffri biss *mobile top-ups*.

Fis-27 ta’ Lulju 2011, Credorax ġiet avżata mis-soċjetà estera MasterCard Worldwide li ġew miksura r-regoli tagħha meta ‘*IPOINT, a merchant with which Credorax has contracted to accept payment cards, is accepting MasterCard cards as payment for the card-not-present (CNP) sale of prescription medication, via the URL http://en.onlinetabs.net.*’

Fl-investigazzjonijiet tagħha dwar dawn iż-żewġ *chargebacks*, MasterCard Worldwide sabet li IP Limited kienet qegħda taċċetta *online payments* bil-MasterCard għall-prodotti farmaċewtiċi tramite s-sit elettroniku http://en.onlinetabs.net. Dan wassal sabiex MasterCard Worldwide sabet diversi irregolaritajiet li jammontaw għall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tagħha ma Credorax u ċioè:

- Ħlas ta’ farmaċewtiċi *online* bil-MasterCard mingħajr permess jew liċenzja appożita mingħand MasterCard Worldwide;

- Is-sit elettroniku http://en.onlinetabs.net ma kienx jipprovdi lill-*cardholder* bl-identità tal-venditur li kien ser jipproċessa l-pagament, u ċioè IP Limited;

- Il-*merchant category code* assenjat lil IP Limited kien dak riżervat għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni minflok dak riżervat għall-farmaċewtiċi;

- IP Limited kienet qiegħda tgħaddi d-dettalji tal-*cardholders* lill-vendituri oħrajn;

- Ir-regoli tal-MasterCard Worldwide jitolbu li *payment acquirers* bħal Credorax ikollhom *merchant agreement* ma kull entità kummerċjali li tippermetti transazzjonijiet bil-MasterCard. F'dan il-każ, Credorax kellha ftehim biss ma' IP Limited. MasterCard Worldwide tkompli tispjega li '*MasterCard staff performed a transaction via the Internet at http://en.onlinetabs.net which involved electing to use a MasterCard card to order the selected products. However, IPOINT appeared as the card acceptor name and location for this transaction and the corresponding Acquiring Institution ID Code was ICA 12831. According to MasterCard's records, this code is assigned to CREDORAX.*'

Minħabba f'dawn l-irregolaritajiet, MasterCard Worldwide imponiet penali fuq Credorax a tenur tal-kuntratt ta' bejniethom stante li kienet Credorax bħala *payment acquirer* li ppermettiet, xjentement jew le, lill-*online merchant* ma min hi kienet daħlet fi ftehim, u ċioè IP Limited, jipproċessa dawn it-transazzjonijiet.

L-ammont ta' penali finali imposti minn MasterCard Worldwide fuq Credorax kienu ta' $138,500. Dan l-ammont ġie ridott minn $197,500 wara li Credorax aċċettat numru kundizzjonijiet li imponiet l-istess MasterCard Worldwide. Fiż-żmien illi ġew imposti l-penali dawn kienu ekwivalenti għal €98,178.28.

Bħala parti mill-ftehim bejn il-partijiet fil-kawża, Credorax kienet iżżomm f'kont appożitu percentwali minn kull transazzjoni li kienet tirċievi ta' IP Limited. Dawn kienu jinżammu minn Credorax għal numru ta' ġranet qabel jiġu rilaxxati favur IP Limited. Dan sabiex, jekk ikun il-każ, minn dan il-kont jiġu debitati xi *chargebacks* mitluba mill-banek. Peress illi dan it-tip ta' kont jiġi kreditat u debitat kontinwament huwa magħruf bħala *rolling reserve*. Meta MasterCard Worldwide imponiet il-penali fl-ammont ta' €98,178.28 fuq Credorax, din għamlet tpaċija mal-flus li kellha f'idejha bħala *rolling reserve* ta' IP Limited fl-ammont ta' €53,059.12 biex b'hekk qegħda titlob lill-Qorti tikkonferma din

it-tpaċija u tikkundanna lil IP Limited tħallas is-somma rimanenti ta’ €45,119.16.

Credorax tikkontendi li skont il-ftehim iffirmat bejniethom, IP Limited kellha taċċetta pagamenti tal-klijenti tagħha biss għas-servizz ta’ *mobile top-ups* u li l-konvenuta ma setgħet qatt tbiegħ prodotti oħra jew taġixxi bħala *payment service provider* kif fil-fatt kienet qegħda tagħmel, hija u tuża s-servizzi ta’ Credorax bħala *payment acquirer* taħt il-*merchant agreement* iffirmat bejniethom.

IP Limited teċċepixxi li Credorax kienet taf li n-negozju tagħha kien tal-bejgħ ta’ *online pins* u mhux *mobile top-ups* u allura mhuwiex minnu li kienet qed tqarraq bl-attriċi meta aċċettat pagamenti oħra. Teċċepixxi wkoll li għalhekk, il-penali li Credorax ġiet mitluba tħallas lil MasterCard Worldwide kienu responsabbiltà tal-istess Credorax u mhux imputabbli lilha.

IP Limited tinsisti li n-negozju tagħha mhuwiex ta’ *mobile top-ups* imma bejgħ ta’ *electronic pins*. Skont Henrik Piski, dawn l-*electronic pins*, li jkollhom valur ta’ flus, jissarfu mingħand bejjiegħa oħra tramite s-siti elettroniċi tagħhom (*affiliate websites*), u jkunu dawn li mbagħad ibiegħu l-prodott finali jew jipprestaw servizz lill-konsumatur li jkun xtara l-*electronic pins* mingħand IP Limited. Tgħid ukoll illi kienet Credorax stess li assenjat il-*merchant category code*.

Fil-fehma tal-Qorti, f’dan il-każ huwa irrelevanti min kien li assenja l-*merchant category code* għal dan in-negozju għaliex kemm *mobile top-ups* u kemm *electronic pins* jaqgħu taħt il-kappa ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni.

Mill-korrispondenza bl-*email* li għaddiet bejn il-partijiet huwa possibbli, u dan jirrizulta mill-email datata 29 ta’ Lulju 2011, li Credorax kienet taf illi n-negozju ta’ IP Limited ma kienx eżattament *mobile top-ups* fis-sens illi jiġu kreditati il-linji tal-*mobile* tal-klijent, imma li permezz tal-*mobile phone* tiegħu, klijent seta’ jixtri *electronic pins* jew aħjar kreditu li seta’ jsarraf f’siti elettroniċi oħra.

Dan għaliex minn din il-korrispondenza, wiehed jifhem illi Tony Grixti f'isem Credorax kien qiegħed jitlob lil Henrik Piski jagħmel ċertu tibdil fil-kliem tad-dokumenti mitluba sabiex jirriflettu dak li Credorax riedu juru lil MasterCard Worldwide. Bl-ebda mod ma jidher li Credorax kienu sorpriżi bil-kontenut tad-dokumenti jew bil-mod kif Henrik Piski spjega kif jaħdem in-negozju ta' IP Limited, li huwa differenti ħafna mis-sempliċi *top-ups* tal-*mobiles*. Il-Qorti tinnotta li kien Tony Grixti stess li f'waħda minn dawn l-*emails* kien irrisponda lil Henrik Piski hekk:

> "*We have boarded IP Ltd as a merchant i.e. as the final service provider, with the service being mobie top-ups.*
>
> *We have NOT boarded IP Ltd as a PSP.*
>
> *Please re-draft this document and re-send. It should be clear that IP Ltd is a merchant who is offering mobile top-ups and that your service stops there.* ***What the clients are doing with the top-up would then be irrelevant***." (Enfasi miżjud mill-Qorti.

Din l-*email* ma kienitx tagħmel sens li kieku Credorax ma kienitx taf illi n-negozju ma kienx sempliċiment ta' *mobile phone credit* għaliex b'dan il-kreditu l-klijent ma jista' jagħmel xejn apparti jsarrfu f'użu tal-*mobile*.

Madanakollu, IP Limited daħlet fi ftehim ma' Credorax bħala *online merchant*. Huwa indubitat u mhux kontestat li *online merchant* tfisser venditur li jbiegħ il-prodotti jew servizzi tiegħu tramite sit elettroniku. Fil-fatt, il-ftehim bejn il-partijiet huwa msejjaħ '*Merchant Agreement*' u bl-ebda mod ma jirriżulta li Credorax kienet qegħda tippresta servizzi lil IP Limited bħala *payment service provider*.

Kienet jew ma kienitx taf Credorax li n-negozju ta' IP Limited kien ta' bejgħ ta' dawn l-*electronic pins*, mill-investigazzjonijiet li għamlet MasterCard Worldwide, rriżulta ċar illi fil-fatt IP Limited kienet qegħda tagħmilha ta' *payment service provider* għall-*online merchants* differenti billi kienet qegħda tipproċessa transazzjonijiet mingħand *online merchants*, fosthom

http://en.onlinetabs.net, u jkunu dawn l-*online merchants* li jipprovdu l-prodott finali lill-konsumaturi.

Kif spjegat fl-ittra mingħand MasterCard Worldwide, rappreżentanti tagħha għamlu *online transaction* direttament minn fuq http://en.onlinetabs.net bil-MasterCard u mhux akkwistaw xi kreditu ossia *electronic pins* mingħand IP Limited. Din l-ittra mingħand MasterCard Worldwide ma ġietx kontestata u lanqas Henrik Piski ma offra spjegazzjoni ta' kif, skont hu, in-negozju ta' *electronic pins* li jiġu mifdija fuq siti eletroniċi ta' terzi huwa l-istess bħal meta minn fuq sit elettroniku ta' terz, c*ardholders* jixtru direttament bil-MasterCard tagħhom u din it-transazzjoni tiġi proċessata minn IP Limited, bħal ma sabet li kien qiegħed isir MasterCard Worldwide.

Li kieku Henrik Piski kien korrett f'kull ma sostna, MasterCard Worldwide ma kienitx issib illi minn fuq is-sit http://en.onlinetabs.net il-*cardholder* seta' jagħmel transazzjoni diretta imma semmai kienet ser tgħid li l-*electronic pins* illi tbiegħ IP Limited kienu qegħdin jintużaw mill-konsumatur sabiex jixtru prodotti u servizzi mingħand *online merchants* oħra.

Jirriżulta għalhekk illi l-penali li imponiet MasterCard Worldwide ma kienux minħabba li rriskontrat xi irregolaritajiet fl-allegat negozju konsistenti fil-bejgħ ta' dawn l-*electronic pins* bħalma jipprova jagħti l-impressjoni Henrik Piski, imma li *cardholders* setgħu idaħħlu d-dettalji tal-MasterCard Card tagħhom u jħallsu għall-prodotti u servizzi direttament fuq mill-inqas sit elettroniku wieħed, li terġa u tgħid kien għall-bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi li għaliha jinhtieg permess speċjali mingħand l-istess MasterCard Worldwide. Minn imkien ma jirriżulta li Credorax kienet taf illi IP Limited kienet qed tagħmilha ta' *payment service provider* u fil-fatt mhuwiex dan illi Henrik Piski jinsisti li Credorax kienet taf dwar in-natura tan-negozju ta' IP Limited.

Il-konvenuta baqgħet sal-aħħar u ċioè fin-nota ta' sottomissjonijet tagħha tinsisti li n-negozju tagħha kien ta' '*mobile pins li kienu jiġu użati mill-klijenti tal-kumpannija*

*esponenti sabiex iħallsu għal diversi prodotti u/jew servizzi*.' Imma dan assolutament mhuwiex dak li sabet MasterCard Worldwide għaliex jekk il-klijent kien qiegħed jixtri l-*mobile pin,* kif tallega IP Limited, sabiex jixtri kreditu li seta' jsarraf fuq l-*affiliated websites*, mela f'dak il-każ, il-klijent ma kienx ikollu għalfejn juża l-MasterCard tiegħu direttament fuq dawn l-*affiliated websites*.

B'hekk il-konvenuta mhux talli kienet qegħda tmur kontra l-ftehim li kellha mal-attriċi, imma kienet anke qegħda topera bi ksur tar-regoli ta' MasterCard Worldwide. Hawnhekk il-Qorti żżid tgħid li fil-*merchant agreement*[4] ġie stipulat li linji gwida, proċeduri, regoli, regolamenti, avviżi, informazzjoni, ċirkulari u kundizzjonijiet kollha maħruġa mill-*card schemes* jiffurmaw parti mill-ftehim bejn il-partijiet.

A tenur tal-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili:

> *"Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."*

L-artikolu 1135 imbagħad jiddisponi li:

> *"Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef."*

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li Credorax għandha raġun meta tgħid illi IP Limited kisret il-kundizzjonijiet tal-*merchant agreement* kif ukoll illi hija għandha tiġi kundannata għar-rimbors tal-penali li Credorax kienet obbligata tħallas lil MasterCard Worldwide. Peress illi l-obbligazzjoni hija ta' xorta kummerċjali, skont l-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili l-imgħax jibda jiddekorri minn dakinhar li l-obligazzjoni kellha tiġi eżegwita. F'dan il-każ għandu jibda jiddekorri mid-data meta IP Limited ġiet interpellata tersaq għall-ħlas.

---

[4] Klawżola 3.1.2

Dwar is-somma ta' €53,059 li Credorax żammet sabiex tpaċi ma parti mill-penali, IP Limited ressqet kontro-talba li permezz tagħha talbet lill-Qorti ssib illi dawn ġew approprjati minn Credorax mingħajr l-ebda jedd legali u għaldaqstant, talbet lill-Qorti tordna lil Credorax tirrilaxxa dawn il-flus favuriha.

Fir-raba' skeda tal-*merchant agreement* jingħad li:

> "*G. CredoRax is authorised by the merchant to deduct and set-off any fees and/or reimbursement payable and due to it in terms of this Agreement from monies held by it for the benefit of the Merchant.*"[5]

Kif ukoll:

> "*E. Without prejduce to any other rights which CredoRax may have,*
>
> 1. *CredoRax shall be entitled to debit all or any of the Merchant's account/s with CredoRax with all or any amounts due by the Merchant in terms of this Agreement as mentioned above and/or set off or combine any liability the Merchant may have to CredoRax or otherwise against any amount owing CredoRax to the Merchant.*"[6]

Dwar it-tpaċija, l-artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "*(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*
>
> *(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.*"

[5] VIII. Reserves and Guarantees

[6] XI. Merchant Liability

L-artikolu 1197 imbagħad jipprovdi li:

> *"(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*
>
> *(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità."*

Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Marianna Spiteri et vs Joseph Vella, deċiża fit-3 ta' Mejju 1993,

> *"minn dan naraw li l-eċċezzjoni ta' tpaċija fiha nfisha tammonta għal ammissjoni tad-debitur, u li dan id-debitu huwa dovut biss mgħandux jitħallas għax huwa paċut minn ammont ieħor dovut mill-kreditur."*

Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2013 fl-ismijiet San Andrea School vs David Mallia et, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *"Illi sabiex topera t-tpacija jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: li jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt, anke jekk mhux fl-istess qies jew ammont; li dawn id-djun jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin; li jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli; li jkunu gew likwidati jew facilment likwidabbili; li jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantita`; u li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu. Inoltre, jinsab ritenut ukoll fil-gurisprudenza patria li t-tpacija ma tistax issehh dwar krediti li ma jkunux ammessi jew li l-ammont taghhom ikun kontestat [ara fost ohrajn App.C* ***Giuseppe Schembri v. Giuseppa Chircop*** *deciza 14 Jannar 1955; PA* ***Anthony Calleja v. Joseph Debono*** *deciza 1 Frar 1964; App.C Onor.Carm* ***Lino Spiteri v. Director of Public Works*** *deciza 25 Jannar 1998; Q.Kum.* ***Avukat John Mamo v. Edward Borg*** *deciza 1 Gunju 1990; PA* ***Joseph Borg noe v. Norman Buckle*** *deciza 12 Dicembru 2002; u App.* ***Perit Vincent Cassar v. Nicholas Debono*** *deciza 22 Marzu 2005]."*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Abela noe vs Paul Laferla noe deċiża fit-18 ta' Mejju 1953 ingħad illi '*l-kompensazzjoni ma tistax tiġi nvokata bħala li operat ruħha ipso jure għar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-oħra.'* L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet L-Avukat Dr Jose' Herrera noe vs Victor Tabone noe tat-2 ta' Mejju 1995 ikkonfermat li fejn il-kreditu pretiż mill-konvenut hu kontestat u dwaru jkun hemm provi kunfliġġenti, mhuwiex ċert u likwidu u lanqas determinat bħala dovut.

Applikat dan kollu għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum, jirriżulta li IP Limited dejjem ikkontestat it-tpaċija li qegħda tinsisti dwarha Credorax għaliex dejjem żammet ferm mat-teżi tagħha li ma kissritx il-kundizzjonijiet tal-*merchant agreement*. Dan ifisser li t-tpaċija ma setgħet qatt isseħħ. Jirriżulta għalhekk illi IP Limited għandha raġun tgħid illi Credorax ma setgħet qatt tapproprja ruħha mill-flejjes appartenti lilha li jinsabu f'idejn l-istess Credorax. Semmai, dak li kellha tagħmel Credorax kien illi tiddepożita dawn il-flus taħt l-awtorità tal-Qorti sakemm tiġi deċiża din il-kawża, imma mhux li żżommhom meta d-dritt tagħha li tagħmel hekk kien qed jigi kontestat.

Madanakollu, u in vista tal-fatt illi din il-Qorti qegħda ssib illi Credorax għandha raġun tgħid illi IP Limited kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejn il-partijiet u li din għandha tagħmel tajjeb għad-danni li sofriet konsistenti fil-penali li imponiet fuqha MasterCard Worldwide, mhuwiex il-lok li f'dan l-istadju tiġi milqugħa t-tielet talba rikonvenzjonali ta' IP Limited sabiex Credorax tiġi kundannata tirrilaxxa l-flus li żammet. Dan għaliex effettivament it-tpaċija ser isseħħ in forza ta' din id-deċiżjoni. Dawn iċ-ċirkostanzi però ser jigu riflessi fil-kap tal-ispejjeż.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel tlett talbiet attriċi, tiċħad ir-raba' talba u għall-finijiet tal-ħames talba tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, mija u dsatax-il Ewro u sittax-il centeżmu (€45,119.16), bl-imgħax mit-18 ta' Ġunju 2012 u ċioè mid-

data meta l-konvenuta ġiet notifikata bl-interpellazzjoni għall-ħlas.

Riferibbilment għat-talbiet rikonvenzjonali, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti iżda tiċħad it-tielet talba tagħha stante li kif ġie spjegat, permezz ta' din id-deċiżjoni ser isseħħ it-tpaċija.

L-ispejjeż tal-kawża prinċipali jitħallsu mis-soċjetà konvenuta filwaqt illi l-ispejjeż tal-kontro-talba jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG